MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1022/2002/1

**Ignazio Anastasi Limited**

**vs**

**Carmel Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fis-17 t' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf mija u seba' u sittin lira Maltija u seba' u tmenin centezmu (Lm1,167.87) rapprezentanti nofs il-paga li l-konvenut kien intitolat ghaliha ghall-perijodu rimanenti skond il-kuntratt ta' impieg ta' bejn il-konvenut u s-socjeta` attrici anness mal-avviz u market Dokument A, u dana a tenur ta' l-Artikolu 34 (12) tal-Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-13 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi :**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti ma qabadx u telaq mis-servizz tal-principal tieghu, kif qed tallega issa s-socjeta' attrici, izda dan sar kollu abbazi ta' ftehim u arrangamenti bejn il-partijiet, li permezz tieghu huma ftehmu li jitterminaw il-ftehim ta' bejniethom, tant illi s-socjeta' attrici hallsitu l-pagamenti dovuti, inkluz il-kummissjonijiet relattivi.**
**Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-terminazzjoni tal-ftehim sehh fil-perjodu ta' probation.**

**Ra l-eccezzjoni ulterjuri prezentata fil-21 ta' Novembru, 2002, fejn intqal illi t-terminazzjoni relattiva saret ai termini u entro l-parametri tal-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Hugh Anastasi, Robert Anastasi, Eric Benn u Carmel Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici a bazi ta' kuntratt ta' servizz li kien jiggedded kull sena. Huwa beda l-impieg tieghu mas-socjeta` attrici fil-5 ta' Settembru, 2000 (Dok.HA2). Sussegwentement sar kuntratt, Dok.HA4, li kopra l-impieg tal-konvenut mis-6 ta' Settembru, 2001 sa l-ahhar ta' Dicembru ta' l-istess sena, u wara dan sar kuntratt iehor, Dok.A, li kellu effett mill-1 ta' Jannar, 2002 sa l-ahhar ta' Dicembru, 2002. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien ta' l-avviz ta' terminazzjoni fit-28 ta' Frar, 2002, u effettivament spicca mix-xoghol fit-8 ta' Marzu, 2002.**
**2. Skond il-konvenut kien hemm qbil mas-socjeta` attrici rigward it-terminazzjoni tieghu. Hugh Anastasi, Direttur tas-socjeta` attrici jghid li ma kien hemm ebda ftehim simili mal-konvenut, ghalkemm l-istess xhud wara ikkwalifika din id-dikjarazzjoni meta qal li ma jafx jekk fil-fatt il-konvenut kienx tkellem ma' haddiehor. L-istess Hugh Anastasi xehed li l-konvenut kien**

**qalilhom li ser imur jahdem band' ohra, ghalkemm jichad li kien hemm ftehim biex ihalluh jitlaq.**

**3. Jirrizulta li kien sar diskors ukoll mill-konvenut ma' Robert Anastasi, direttur iehor tas-socjeta` attrici, liema xhud pero` kien lakunuz dwar dak li seta' qallu l-konvenut, peress illi dan ma ftakarx x'diskors intqal, u ma ftakarx li qallu li ser jittermina, u lanqas ma ftakar li qallu biex ma jaqbadx u jitlaq. Pero` wara, l-istess xhud kien aktar car, u ftakar li kien qal lill-konvenut biex jibqa, almenu sakemm isibu haddiehor minfloku.**

**4. Din l-ahhar versjoni tidher l-aktar verosimili, cioe` li fil-fatt il-konvenut kien avza lis-socjeta` attrici li kien ser jitlaq, u li kien intalab lilu biex jibqa' ghal xi zmien sakemm jinsab haddiehor. Il-konvenut fil-fatt jikkonferma li hu kien ha hsieb l-istharrig ta' persuna ohra li kien ser jirrimpjazzah.**

**5. Apparti dan ma jidhirx li kien hemm xi attrit meta l-konvenut iddikjara li kien ser jitlaq. Fil-fatt l-accountant tal-kumpnaija, Eric Benn, kien hallsu kollox sa l-ahhar gurnata ta' l-impieg tieghu, u kien bghatlu l-ittra esebita bhala Dok.LD2, li wiehed jista' jinterpretaha bhala ittra ta' ringrazzjament, kif del resto interpretaha l-istess konvenut. L-imsemmija ittra intbaghtet minn Eric Benn u fiha inkludilu ic-cekk tal-hlas, inkluz il-hlas tal-kummissjoni fuq il-bejgh, u fejn awguralu ghall-futur. Apparti minn hekk jirrizulta li mhux biss hallsuh sa l-ahhar gurnata li hadem, izda tawh ukoll il-hlas dovut bhala kummissjoni fuq il-bejgh.**

**6. Wara li spicca, jirrizulta li hadd mir-rapprezentanti qatt ma kellem aktar lill-konvenut, sakemm infethet din il-kawza.**

**7. Jirrizulta ukoll li l-konvenut kien ta lis-socjeta` attrici l-ittra Dok.AG1 datata 28 ta' Jannar, 2002. Gie innutat li din l-ittra ma taqbilx ma l-ittra l-ohra esebita Dok.LD1, pero` gie kjarifikat li id-Dok.LD1 hija biss kopja mahruga mill-computer, filwaqt li d-Dok.AG1 fiha xi alterazzjonijiet bil-miktub. Fid-Dok.AG1, kienu inqatghu l-kliem « till the 20th February, 2002 ». Dana jidher li sar appositament sabiex il-konvenut jiehu hsieb l-istharrig ta' min kien diehel minfloku.**

**8. Jidher li ghalkemm d-Diretturi, jew uhud minnhom, kienu jafu li l-konvenut kien ser jitlaq, il-process formali ta' terminazzjoni kien thalla f'idejn Eric Benn. Dan xehed illi : « Wara li kien telaq meta hareg ic-cheque, jien kont infurmajt lid-diretturi illi hu kien irrizenja. »**

**9. L-Artikolu 34 tal-Kap135 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li min jkun f'kuntratt ta' servizz ghandu jaghti avviz ta' terminazzjoni ta' gimgha jekk ilu fl-impieg mal-istess principal ghall-aktar minn xahar izda mhux aktar minn sena, u ta' gimghatejn jekk ilu impjegat ghall-aktar minn sena izda mhux aktar minn sentejn.**

**10. L-Artikolu 30 tal-Kap.135 jipprovdi illi :**

**« ….meta l-impjegat ikun inzamm fl-impieg wara d-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz ghal zmien specifikat jew ikun rega gie impjegat minn principal fi zmien sena mid-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz ghal zmien specifikat, il-kundizzjonijiet ta' l-impieg ma ghandhomx ikunu anqas favorevoli minn dawk li kienu jkunu japplikaw jekk kemm-il darba l-kuntratt ta' servizz ikun ghal zmien bla limitu u z-zmien totali ta' prova ta' l-impjegat ma ghandu jkun f'ebda kaz itwal minn dak li hemm provdut f'dan l-Att. »**

**11. Issa l-abbli difensur tas-socjeta` attrici argumenta illi l-ittra li Dok.AG1 tghid li l-konvenut kien qed jirrisenja, u li din l-ittra ma gietx kontro-firmata mis-socjeta` attrici. Fir-rigward it-Tribunal ma jqiesx in-necessita` li tali ittra kellha tigi kontro-firmata. Il-fatt li inghatat u ma saret ebda risposta ghaliha jista' jitqies bhala li l-ittra kienet giet accettata. Qed jinghad ukoll mis-socjeta` attrici li l-kuntratt tal-konvenut kien ta' sena, cioe` ghall-perijodu fiss ta' zmien, u li konsegwentement dan kien obbligat bil-ligi li jaghti gimghatejn avviz ta' tmiem ta' impieg.**

**12. L-abbli difensur tal-konvenut da parti tieghu sostna li meta l-konvenut kien mar ikellem lid-direttur tas-socjeta` attrici u lill-accountant ta' l-isess socjeta` huwa kien avzahom li kien ser jitlaq.**

**13. It-Tribunal fir-rigward, wara li ikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz, qed jaqbel ma din il-versjoni tal-konvenut. Fil-fatt kif gja rilevat, il-konvenut ma**

**qabadx u telaq, anzi intalab lilu zmien biex isibu lill-haddiehor. Fil-fatt huma sabu lill-haddiehor, u hu tah l-istharrig mehtieg. Ghalhekk jirrizulta ampjament li s-socjeta` attrici kienet infurmata formalment li l-konvenut kien ser itemm l-impieg tieghu. It-Tribunal iqies li meta sar dan il-ftehim partikolari mal-konvenut sabiex jibqa' hemm sakemm jinstab haddiehor, tali ftehim verbali issupera kwalunkwe ftehim precedenti. Definitivament ma jistghax jinghad illi il-konvenut ma kienx gharraf lis-socjeta` attrici dwar it-terminazzjoni tal-impieg tieghu fiz-zmien rikjest, u konsegwentement it-talba attrici ma tirrizultax.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax kif fuq inghad it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------